ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 37

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

6 ta’ Frar 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix ........................ 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 109/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 li jiffissa l-koeffiċjenti ta’ allokazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mit-2 sat-3 ta’ Frar 2009 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta’ liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta’ Frar 2009 ............................................ 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 110/2009 tal-5 ta’ Frar 2009 li jemenda l-lista ta’ pajjiżi msemmija fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94** ........................... 4



*(Ikompli fil-paġna ta’ wara)*

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2009/102/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju** ........ 5

2009/103/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna reċiproka lill-Ungerija** ....... 7

**Kummissjoni**

2009/104/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2008 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar emendi fl-Appendiċi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra** ........ 8

**Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar emendi għall-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra** ........ 9

---

**Corrigendum**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur (ĠU L 157, 17.6.2008)** ........ 14

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

# I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 108/2009

**tal-5 ta' Frar 2009**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | JO | 68,6 |
| | MA | 46,2 |
| | TN | 125,1 |
| | TR | 95,5 |
| | ZZ | 83,9 |
| 0707 00 05 | JO | 155,5 |
| | MA | 134,2 |
| | TR | 168,4 |
| | ZZ | 152,7 |
| 0709 90 70 | MA | 117,3 |
| | TR | 106,3 |
| | ZZ | 111,8 |
| 0709 90 80 | EG | 84,3 |
| | ZZ | 84,3 |
| 0805 10 20 | EG | 51,5 |
| | IL | 54,1 |
| | MA | 54,7 |
| | TN | 41,4 |
| | TR | 56,1 |
| | ZA | 44,9 |
| | ZZ | 50,5 |
| 0805 20 10 | IL | 164,7 |
| | MA | 98,6 |
| | TR | 52,0 |
| | ZZ | 105,1 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 71,9 |
| | IL | 68,5 |
| | JM | 101,6 |
| | MA | 149,3 |
| | PK | 40,0 |
| | TR | 76,1 |
| | ZZ | 84,6 |
| 0805 50 10 | EG | 48,0 |
| | MA | 67,1 |
| | TR | 66,9 |
| | ZZ | 60,7 |
| 0808 10 80 | CA | 86,3 |
| | CL | 67,8 |
| | CN | 83,3 |
| | MK | 32,6 |
| | US | 114,6 |
| | ZZ | 76,9 |
| 0808 20 50 | AR | 103,7 |
| | CL | 73,7 |
| | CN | 65,1 |
| | US | 107,5 |
| | ZA | 100,3 |
| | ZZ | 90,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 109/2009

## tal-5 ta' Frar 2009

## li jiffissa l-koeffiċjenti ta' allokazzjoni li għandha tapplika għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mressqa mit-2 sat-3 ta' Frar 2009 fil-kuntest tal-kwota tariffarja tat-Tuneżija u li jissospendi l-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għax-xahar ta' Frar 2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli regolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll Nru 1 ([3]) tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi l-assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Tuneżina min-naħa l-oħra ([4]), jistabbilixxi kwota tariffarja b'dazju doganali ta' żero għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1509 10 10 u 1509 10 90, prodott kollu kemm hu fit-Tuneżija u ttrasportat direttament minn dak il-pajjiż lejn il-Komunità, fil-limiti stipulati għal kull sena.

(2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1918/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jiftaħ u jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji f'dak li jirrigwarda ż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fit-Tuneżija ([5]) jipprovdi għal limiti kwantitattivi ta' kull xahar għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni.

(3) F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, tressqu applikazzjonijiet għand l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għal kwantità totali li taqbeż il-limitu pprovdut għax-xahar ta' Frar 2009 fl-Artikolu 2(2) tar-Regolamernt imsemmi.

(4) F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni li jippermetti l-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni *pro rata* għall-kwantità disponibbli.

(5) Ġaladarba ntlaħaq il-limitu għax-xahar ta' Frar, għax-xahar imsemmi ma tista' tinħareġ l-ebda liċenzja tal-importazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa fit-2 u 3 ta' Frar 2009 skond l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1918/2006, għandhom jinħarġu skond koeffiċjent ta' allokazzjoni ta' 90,947950 %.

Il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni għall-kwantitajiet mitluba mid-9 ta' Frar 2009 huwa sospiż għal Frar 2009.

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 57.
([4]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.
([5]) ĠU L 365, 21.12.2006, p. 84.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 110/2009

## tal-5 ta' Frar 2009

## li jemenda l-lista ta' pajjiżi msemmija fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 427/2003 tat-3 ta' Marzu 2003 dwar mekkaniżmu transitorju ta' salvagwardja għal prodotti partikolari għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 519/94 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 519/94 [2] il-Kunsill adotta regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi li jinkludu wkoll dispożizzjonijiet dwar miżuri ta' salvagwardja.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 519/94 japplika *inter alia* għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Ukraina.

(3) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 427/2003 il-Kunsill adotta regoli komuni għal mekkaniżmu transitorju ta' salvagwardja għal prodotti partikolari għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 519/94 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi.

(4) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 427/2003 il-Kunsill iddelega lill-Kummissjoni r-responsabbiltà għall-aġġornament tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 519/94.

(5) Fid-dawl tal-adeżjoni tal-Ukraina mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, għandha ssir dispożizzjoni biex l-Ukraina titneħħa mill-ambitu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu Uniku*

L-Ukraina għandha titneħħa mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 519/94.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Catherine ASHTON

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 65, 8.3.2003, p. 1.

[2] ĠU L 67, 10.3.1994, p. 89.

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-4 ta' Novembru 2008**

**li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju**

(2009/102/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002, li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għaż-żmien medju għall-bilanċi ta' pagament ([1]) tal-Istati Membri, u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (EFC),

Billi:

(1) Bid-deċiżjoni 2009/103/KE ([2]) il-Kunsill iddeċieda li jagħti għajnuna reċiproka lill-Ungerija.

(2) Minkejja t-titjib mistenni fil-kont kurrenti, il-bżonnijiet ta' finanzjament estern tal-Ungerija fl-2008 u l-2009 huma stmati għal EUR 20 biljun, billi, minħabba l-iżviluppi esperjenzati dan l-aħħar fis-swieq finanzjarji l-kont kapitali u finanzjarju jista' jiddeterjorja sostanzjalment bl-aċċellerazzjoni tal-flussi netti 'l barra tal-portafoll.

(3) Jixraq li tingħata għajnuna Komunitarja lill-Ungerija ta' massimu ta' EUR 6,5 biljun mill-Faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għaż-żmien medju għall-bilanċ tal-pagamenti tal-Istati Membri stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 332/2202. L-għajnuna għandha tingħata flimkien ma' self mill-Fond Monetarju Internazzjonali ta' SDR 10,5 biljun (madwar EUR 12,5 biljun) taħt arranġament Stand-by li mistenni jiġi approvat fis-6 ta' Novembru 2008. Il-Bank Dinji qabel ukoll li jsellef lill-Ungerija EUR 1 biljun.

(4) L-għajnuna għandha tkun ġestita mill-Kummissjoni li, wara li tikkonsulta mal-EFC, għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-Ungerija dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika marbutin mal-għajnuna finanzjarja. Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu stipulati f'Memorandum ta' Ftehim. It-termini finanzjarji dettaljati għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Ftehim dwar is-Self.

(5) L-għajnuna għandha tingħata bil-ħsieb li tiġi appoġġjata s-sostenibilità tal-bilanċ tal-pagamenti fl-Ungerija u, b'dan il-mod, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tajba tal-programm ta' politika ekonomika tal-Gvern fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji attwali,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Komunità għandha tagħmel disponibbli self għaż-żmien medju lill-Ungerija li jammonta għal massimu ta' EUR 6,5 biljun, b'maturità medja massima ta' ħames snin.

2. Din l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għandha tkun disponibbli għal sentejn, li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.
([2]) Ara paġna 7 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

1. L-għajnuna għandha tiġi ġestita mill-Kummissjoni f'mod konsistenti mal-impenji tal-Ungerija u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, partikolarment fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll il-programm ta' konverġenza u l-proċedura tad-defiċit eċċessiv.

2. Il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-Ungerija, wara li tikkonsulta l-EFC, dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika marbutin mal-għajnuna finanzjarja, kif stipulat fl-Artikolu 3(4). Dawk il-kundizzjonijiet għandhom jiġu stipulati f'Memorandum ta' Ftehim konsistenti mal-impenji u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. It-termini finanzjarji dettaljati għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fil-ftehim dwar is-self.

3. Il-Kummissjoni għandha, b'kollaborazzjoni mal-EFC, tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika marbutin mal-għajnuna, jiġu sodisfatti. L-EFC għandha tinżamm infurmata mill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' rifinanzjament tas-self jew ir-ristrutturar tal-kundizzjonijiet finanzjarji.

*Artikolu 3*

1. L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni lill-Ungerija f'mhux iktar minn ħames ħlasijiet li d-daqs tagħhom għandu jiġi stipulat fil-Memorandum ta' Ftehim.

2. L-ewwel ħlas għandu jiġi rilaxxat suġġett għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar is-Self u l-Memorandum ta' Ftehim, kif ukoll għandu jkun ibbażat fuq is-sottomissjoni ta' l-emendi leġiżlattivi għall-abozz tal-proposta tal-baġit tal-2009 lill-Parlament Ungeriż, li għandhom il-mira li jiksbu defiċit ta' 2,6 % tal-PGD u li jinkludu l-miżuri baġitarji fil-bażi.

3. Jekk ikun meħtieġ sabiex jiġi ffinanzjat is-self, l-użu prudenti ta' skambji tar-rata tal-interess ma' kontropartijiet tal-ogħla kwalità ta' kreditu, għandu jkun permess.

4. Il-Kummissjoni, wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-EFC, għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx ta' iktar ħlasijiet. Ir-rilaxx ta' kull ħlas sussegwenti għandu jsir fuq il-bażi tal-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku l-ġdid tal-Gvern Ungeriż sostnut mill-arranġament mal-FMI u inkluż ukoll fil-Programm ta' Konverġenza tal-Ungerija li ġej u, partikolarment, il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika stabbiliti fil-Memorandum ta' Ftehim.

Dawn il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jinkludu, *inter alia*:

(a) il-progress fil-konsolidazzjoni fiskali ppjanata mill-Gvern fil-kuntest tal-programm ġdid tiegħu li huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont il-proċedura tad-defiċit eċċessiv tal-10 ta' Ottubru 2006, kif ukoll l-Opinjoni tal-Kunsill dwar l-aġġornament tal-programm ta' konverġenza ta' Novembru 2007, b'mod partikolari fir-rigward tal-mira tad-defiċit tal-2009;

(b) miżuri speċifiċi biex jiġi kkontrollat l-infiq għall-proċess ta' konsolidazzjoni;

(c) progress fir-riforma tal-governanza finanjarja permezz tat-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u l-introduzzjoni ta' regoli fiskali ta' żmien medju skont il-proposta qafas li qed tiġi diskussa attwalment fil-Parlament Ungeriż;

(d) regolamentazzjoni tas-settur finanzjarju u riformi fis-sorveljanza u tkabbir tal-kapaċità tal-awtoritajiet sabiex jindirizzaw b'mod effiċjenti kwistjonijiet ta' tħassib dwar solvibilità u likwidità; u,

(e) miżuri ta' riforma strutturali appoġġjati fil-kuntest tal-istrateġija ta' Liżbona, bħat-tisħiħ ta' inċentivi għax-xogħol bil-ħsieb li jiġu sostnuti l-impjiegi u jikkontribwixxu għas-sostenibilità fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Ungerija. Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VONDRA

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-4 ta’ Novembru 2008

## li tagħti għajnuna reċiproka lill-Ungerija

(2009/103/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 119,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Billi:

(1) Min-nofs l-2006 ′l hawn, l-awtoritajiet Ungeriżi qed jagħmlu sforzi sinifikanti biex jikkoreġu l-iżbilanċi esterni u interni akkumulati tal-pajjiż. Minkejja r-riżultati tanġibbli miksuba f’dawn l-aħħar sentejn, fost oħrajn tnaqqis sinifikanti fid-deficit tal-amministrazzjoni pubblika u t-tnaqqis gradwali tad-deficit tal-kont kurrenti, is-swieq finanzjarji Ungeriżi sabu ruħhom taħt pressjoni qawwija minn kmieni f’Ottubru 2008.

(2) F’Ottubru 2008, l-awtoritajiet Ungeriżi adottaw programm komprensiv ta’ politika ekonomika maħsub biex jerġa’ jrawwem il-fiduċja tal-investituri u jtaffi l-pressjoni esperjenzata fil-ġimgħat preċednti fis-swieq finanzjarji Ungeriżi. Dak il-programm jinkludi miżuri biex jiżguraw biżżejjed likwidità u finanzjament għas-sistema bankarja, azzjonijiet biex jiżguraw kapitalizzazzjoni adegwata għall-banek kif ukoll pjanijiet biex jiżguraw is-sostenibilità fiskali u jrażżnu l-ħtiġijiet ta’ finanzjament. B’mod partikolari, il-Gvern Uneriż irreveda l-mira tiegħu għad-deficit għall-2008 għal 3,4 % tal-GPD meta mqabbel mal-4 % tal-PGD li kienet ibbaġittjata u għall-2009 minn 3,2 % tal-PGD għal 2,6 % tal-PGD. Dan il-programm ekonomiku u partikolarment il-miri fiskali se jkunu riflessi fil-baġit tal-Gvern kif ukoll fil-Programm ta’ Konverġenza li fihom ukoll miżuri politiċi oħra u riformi strutturali.

(3) Il-Kunsill qed jirrevedi fuq bażi regolari l-linji ta’ politika ekonomiċi implimentati mill-Ungerija, partikolarment fil-kuntest tar-reviżjonijiet annwali tal-aġġornament tal-Ungerija tal-programm ta’ konverġenza u l-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta’ Riforma, ir-reviżjoni regolari tal-progress li tagħmel l-Ungerija marbut mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Proċedura tad-Deficit Eċċessiv, kif ukoll fil-kuntest tar-Rapport ta’ Konverġenza.

(4) Minkejja t-titjib mistenni fil-kont korrenti, l-Ungerija qed taffaċċja bżonnijiet importanti ta’ finanzjament fl-2008 u l-2009 (stmati għal madwar EUR 20 biljun) hekk kif żviluppi esperjenzati dan l-aħħar fis-swieq finanzjarji jissuġġerixxu li l-kont kapitali u finanzjarju jista’ jiddeterjorja sostanzjalment, bl-aċċellerazzjoni tal-flussi netti ′l barra tal-portafoll.

(5) L-awtoritajiet Ungeriżiu talbu għajnuna finanzjarja sostanzjali mill-Komunità, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u pajjiżi oħra biex jappoġġjaw is-sostenibilità tal-bilanċ tal-pagamenti u jġibu r-riżervi tal-valuti internazzjonali f’livell prudenti.

(6) Hemm theddida serja lill-bilanċ tal-pagamenti Ungeriż li tiġġustifika l-għoti urġenti ta’ għajnuna reċiproka mill-Komunità,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komunità għandha tagħti għajnuna reċiproka lill-Ungerija.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri. Hija għandha tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 4 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VONDRA

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

### tal-21 ta' Novembru 2008

### dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi fl-Appendiċi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

(2009/104/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/979/KE tat-18 ta' Novembru 2002 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Prattiki enoloġiċi ġodda awtorizzati fil-Komunità ġew notifikati lir-Repubblika taċ-Ċilì fil-11 ta' Ottubru 2006 skont l-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, (hawn taħt imsejjaħ "il-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed").

(2) Meta jitqiesu l-konklużjonijiet tat-tielet Kumitat Konġunt UE-Ċilì tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed li seħħ f'Santiago de Chile fl-10 ta' Jannar 2008, huwa neċessarju li jiġi emendat l-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed sabiex jiżdiedu l-prattiċi enoloġiċi l-ġodda awtorizzati fil-Komunità.

(3) Il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċilì għalhekk innegozjaw, skont l-Artikolu 29(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed, ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri biex jemenda l-Appendiċi V.

(4) Għalhekk, l-Iskambju ta' Ittri għandu jkun approvat.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

IDDEĊIDIET LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì li jemenda l-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissarju tal-Agrikoltura u tal-Iżvilupp Rurali huwa b'hekk awtorizzat li jiffirma l-Iskambju ta' Ittri sabiex bih tintrabat il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, 21 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 352, 30.12.2002, p. 1.

# FTEHIM FIL-FORMA TA’ SKAMBJU TA’ ITTRI

## bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì dwar emendi għall-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed anness mal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċilì, min-naħa l-oħra

ITTRA Nru 1

*Ittra mill-Komunità Ewropea*

Brussell, l-4 ta’ Jannar 2009

Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għall-Artikolu 29(2) tal-Ftehim dwar il-kummerċ fl-inbejjed tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċilì min-naħa l-oħra, tat-18 ta’ Novembru 2002, li jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jistgħu, b’kunsens reċiproku, jemendaw l-Appendiċijiet ta’ dan il-Ftehim.

Minħabba ż-żieda tal-prattiki enoloġiċi ġodda jew il-modifika tagħhom awtorizzati fil-Komunità, li ġew notifikati lill-awtoritajiet tagħkom fil-11 ta’ Ottubru 2006, u fid-dawl tal-konklużjonijiet tat-tielet Kumitat Konġunt tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed li seħħ f’Santiago de Chile fl-10 ta’ Jannar 2008, huwa neċessarju li jiġi emendat il-punt 2 tal-Appendiċi V (prattiki u proċessi enoloġiċi u speċifikazzjonijiet tal-prodotti) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed.

Għalhekk għandi l-unur nipproponi li l-punt 2 tal-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed jitbiddel bit-test mehmuż hawnhekk, b’effett mill-ewwel jum tat-tweġiba tiegħek li tikkonferma l-qbil mal-kontenut ta’ din l-ittra.

Inkun obbligat jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta’ din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

*F’isem il-Komunità Ewropea*

Mariann FISCHER BOEL

ITTRA Nru 2

*Ittra miċ-Ċilì*

Brussell, it-8 ta’ Jannar 2009

Sinjura,

Għandi l-pjaċir ninfurmak li rċevejt l-ittra tiegħek tal-4 ta’ Jannar li għadda illi tgħid hekk:

“Għandi l-unur nirreferi għall-Artikolu 29(2) tal-Ftehim dwar il-kummerċ fl-inbejjed tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċilì min-naħa l-oħra, tat-18 ta’ Novembru 2002, li jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti jistgħu, b’kunsens reċiproku, jemendaw l-Appendiċi ta’ dan il-Ftehim.

Minħabba ż-żieda tal-prattiki enoloġiċi ġodda jew il-modifika tagħhom awtorizzati fil-Komunità, li ġew notifikati lill-awtoritajiet tagħkom fil-11 ta’ Ottubru 2006, u fid-dawl tal-konklużjonijiet tat-tielet Kumitat Konġunt tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed li seħħ f’Santiago de Chile fl-10 ta’ Jannar 2008, huwa neċessarju li jiġi emendat il-punt 2 tal-Appendiċi V (prattiki u proċessi enoloġiċi u speċifikazzjonijiet tal-prodotti) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed.

Għalhekk għandi l-unur nipproponi li l-punt 2 tal-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed jitbiddel bit-test mehmuż hawnhekk, b’effett mill-ewwel jum tat-tweġiba tiegħek li tikkonferma l-qbil mal-kontenut ta’ din l-ittra.

Inkun obligat jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel mal-kontenut ta’ din l-ittra.”

Għandi l-unur ngħarrfek li r-Repubblika taċ-Ċilì taqbel mal-kontenut ta’ din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

*F’isem ir-Repubblika taċ-Ċilì*

Juan SALAZAR SPARKS

*ANNESS*

Il-punt 2 tal-Appendiċi V tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed jitbiddel kif ġej:

"2. Lista ta' metodi u proċessi enoloġiċi awtorizzati għall-inbejjed li joriġinaw fil-Komunità bil-restrizzjonijiet li ġejjin jew, fl-assenza tagħhom, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-Komunità:

(1) aerazzjoni (frizzanti) jew trattament bil-gass (spumanti) bl-użu ta' argon, nitroġenu jew ossiġnu;

(2) trattament bis-sħana;

(3) użu f'inbid xott ta' naqal frisk li jkun tajjeb u mhux dilwit u għandu ħmira li tirriżulta mill-vinifikazzjoni reċenti tal-inbid xott;

(4) ċentrifugazzjoni u filtrazzjoni, b'aġenti tal-iffiltrar jew mingħajrhom, sakemm l-ebda fdal mhux mixtieq ma jitħalla fil-prodotti trattati b'dal mod;

(5) użu ta' ħmira għall-produzzjoni tal-inbid;

(6) użu ta' preparazzjonijiet tal-ġnub taċ-ċelulla tal-ħmira;

(7) użu ta' polivinilpolipirrolidon;

(8) użu ta' batterji tal-aċidu lattiku fis-sospensjoni tal-inbid;

(9) żieda ta' wieħed jew iktar mis-sustanzi li ġejjin biex jinkoraġixxi t-tkabbir tal-ħmira:

(i) żieda ta':

— fosfat tad-dijammonju jew sulfat tal-ammonju,

— sulfit tal-ammonju jew bisulfit tal-ammonju;

(ii) żieda tal-idroklorur tat-tijamina;

(10) użu ta' dijossidu karboniku, argon jew nitroġenu, kemm waħidhom jew kombinati, sabiex biss joħloq atmosfera inerta u jimmaniġġa l-prodott protett mill-arja;

(11) żieda ta' dijossidu karboniku;

(12) użu ta' dijossidu tal-kubrit, bisulfit tal-potassju jew metabisulfit tal-potassju, li jistgħu jissejħu wkoll disulfit tal-potassju jew pirosulfit tal-potassju;

(13) żieda ta' aċidu sorbiku jew sorbat tal-potassju;

(14) żieda tal-aċidu L-assorbiku;

(15) żieda ta' aċidu ċitriku għal skopijiet tal-istabbilizzazzjoni tal-inbid, sakemm il-kontenut finali fl-inbid trattat ma jaqbiżx 1 gramma għal kull litru;

(16) użu ta' aċidu tartariku għal skopijiet ta' aċidifikazzjoni, sakemm il-kontenut tal-aċidità inizzjali tal-inbid ma jkunux iżjed minn 2,5 g/l espressi bħala aċidu tartariku;

(17) użu ta' wieħed jew iktar mis-sustanzi li ġejjin għal skopijiet ta' deaċidifikazzjoni:

— tartrat newtrali tal-potassju,

— bikarbonat tal-potassju,

— karbonat tal-kalċju, li jista' jkollu fih kwantitajiet żgħar ta' melħ b'kalċju doppju ta' aċidi L (+) tartariku u L (–) maliku,

— preparazzjoni omoġenja ta' aċidu tartariku u kalċju karbonat f'proprozjoni ekwivalenti u mitħuna fin,

— tartrat tal-kalċju jew aċidu tartariku;

(18) klarifikazzjoni permezz ta' wieħed jew iktar mis-sustanzi li ġejjin għall-użu enoloġiku:

— ġelatina tal-ikel,

— proteini tal-pjanti,

— bentonite,

— isinglass,

— kaseina u kaseinat tal-potassju,

— albumina tal-bajd, albumina tal-ħalib,

— kawlina,

— enzimi pektolitiċi,

— dijossidu tas-silikon bħala ġel jew soluzzjoni kollojdali,

— tannin,

— preparazzjonijiet enzimatiċi ta' betaglukanase;

(19) żieda ta' tannin;

(20) it-trattament tal-most u tal-inbejjed ġodda li jkunu għadhom fil-fermentazzjoni bil-faħam tal-kannol għal użu enoloġiku f'ċerti limiti;

(21) trattament ta':

— inbejjed bojod jew inbejjed rosé, b'ferroċjanur tal-potassju,

— inbejjed ħomor, b'ferroċjanur tal-potassju jew il-fitat tal-kalċju, sakemm l-inbid li jkun ġie trattat b'dan il-mod ikun fih fdal tal-ħadid;

(22) żieda ta' aċidu metatartariku;

(23) użu ta' akaċja wara tmiem il-fermentazzjoni;

(24) użu ta' aċidu DL-tartariku, imsejjaħ ukoll aċidu raċemiku, jew tal-melħ newtrali tiegħu tal-potassju biex jippreċipita kalċju żejjed;

(25) użu għall-manifattura tal-inbejjed spumanti miksuba mill-fermentazzjoni fil-fliexken u bin-naqal isseparat billi jitneħħa:

— ta' alġinat tal-kalċju, jew

— alġinat tal-potassju;

(26) użu ta' sulfat tar-ram;

(27) żieda ta' potassju bitartrat jew tartrat tal-kalċju sabiex jassisti l-preċipitazzjoni tat-tartru;

(28) żieda ta' karamella biex isaħħaħ lewn l-inbejjed likuri;

(29) użu ta' sulfat tal-kalċju għall-produzzjoni ta' ċertu kwalità ta' nbejjed likuri p.s.r.;

(30) użu tar-reżina tas-siġra taż-żnuber biex jiġi prodott inbid tal-mejda 'restina', fil-Greċja biss, u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-Komunità;

(31) żieda ta' lisożima;

(32) elettrodijaliżi biex jiggarantixxi stabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid;

(33) użu ta' urease biex inaqqas il-kontenut tal-urea fl-inbid;

(34) żieda ta' most tal-għeneb jew most konċentrat imsaffi tal-għeneb għat-taħlil tal-inbid skont il-kundizzjonijiet imsemmija fir-regoli Komunitarji;

(35) konċentrazzjoni parzjali bill-proċessi fiżiċi, inkluż osmożi invertita, biex tiżdied il-qawwa alkoħolika naturali tal-most tal-għeneb u l-inbid;

(36) żieda ta' sukrożju, most tal-għeneb ikkonċentrat jew most konċentrat imsoffi tal-għeneb biex iżid il-qawwa naturali alkoħolika tal-għeneb, most tal-għeneb jew inbid b'konformità mar-regoli Komunitarji;

(37) żieda ta' nbid jew għeneb imqadded distillat jew ta' alkoħol newtrali ta' oriġini tal-inbid għall-manifattura tal-inbejjed likuri;

(38) żieda tal-aċidu L-asorbiku sa ċerti limiti;

(39) żieda ta' dimetilkarbonat (DMDC) fl-inbejjed għall-istabilizzazzjoni mikrobijoloġika, f'ċerti limiti u skont il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ddeterminati;

(40) żieda ta' mannoproteini tal-ħmira sabiex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika u proteinika tal-inbejjed;

(41) użu ta' biċċiet tal-injam tal-ballut fil-vinikultura".

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 157 tas-17 ta' Ġunju 2008)*

1. F'paġna 69, fl-Anness V:

*minflok:* "c) *"Barra (Free range) " "*,

*aqra:* "c) *"Trobbija fil-beraħ (Free range) " "*;

*minflok:* "d) *"Barra -Free range tradizzjonali" "*,

*aqra:* "d) *"Trobbija fil-beraħ tradizzjonali" "*.

2. F'paġna 71, fl-Anness V:

*minflok:* "e) *"Barra (free range) — libertà totali". "*,

*aqra:* "e) *" Trobbija fil-beraħ — libertà totali". "*.

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.